MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 6/1997/1

**Francis u Inez ahwa Zammit Haber,
u b' digriet tas-7 ta' Novembru 2000 il-gudizzju gie trasfuz f' isem Francis Zammit Haber stante l-mewt ta' Ines *sive* Agnese Zammit Haber fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Xewkija Tigers Football Club,
u b' digriet tad-9 ta' Novembru 1999 il-gudizzju gie trasfuz f' isem Carmel Camilleri u Jevon Attard fil-kariga ta' President u Segretarju rispettivi tas-socjeta` konvenuta, stante li fil-mori nbidlu l-persuni fil-karigi rispettivi**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Mejju, 2005 il-Bord li Jirregola l-Kera ghal Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Ic-Chairman,

Ra r-Rikors li permezz tieghu r-rikorrenti, wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimati l-fond numru wiehed (1) Pjazza San Gwann Battista, Xewkija, Ghawdex versu l-kera ta’ erbghin lira Maltin (Lm40) fis-sena li jithallas fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju ta’ kull sena b’lura.

Illi dan il-fond inkera u kellu jintuza bhala Club ghall-intimati.

Illi dan il-fond m’ghadux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri billi l-intimati ttrasferew il-club taghhom ghall-fond iehor.

Illi inoltre jirrizulta li l-intimati ssullokaw dan il-fond jew assenjaw din il-kirja lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Illi l-esponenti jridu li jigu awtorizzati sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond lokat fl-iskadenza li jmiss.

Talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti sabiex fl-iskadenza li jmiss cioe’ dik tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Lulju ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) huma ma jgeddux din il-kirja u previa l-kundanna ta’ l-intimati sabiex jizgombraw minnu, jkunu awtorizzati sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond lokat.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ intimata fis-sens illi:

1. t-talba tar-rikorenti ghar-ripresa tal-pussess tal-fond de quo hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u l-esponenti jichdu bil-qawwa kolha r-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti biex jiggustifikaw it-talba taghhom.

2. illi m’huwiex minnu li l-fond de quo m’ghadux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri u cioe’ bhala Club u l-Club ma gie ttrasferit ghall-ebda post iehor u l-attivitajiet principali tal-Club ghadhom jinzammu fl-istess fond in kwistjoni.

3. illi lanqas huwa minnu li l-esponenti ssullokaw il-fond in kwistjoni jew assenjaw il-kirja lil terzi minghajr il-kunsens tas-sidien u l-gestjoni tal-bar fl-istess Club tinghata bl-offerta minn sena ghal sena kif ilu jsir sa minn meta l-fond gie mikri lill-kumitat tax-Xewkija Tigers FC.

4. ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ra n-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ra l-atti l-ohra kollha tar-Rikors.

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent, bhala s-sid qed jitlob ir-ripresa tal-fond mikri lis-socjeta' intimata ghal zewg ragunijiet:

(i) ghax il-fond m'ghadhux jintuza ghall-iskop li ghalieh kien mikri; u
(ii) ghax l-istess fond gie sullokat jew il-kirja giet assenjata lil terzi minghajr il-kunsens tieghu.

Irrizulta illi l-fond in kwistjoni kien gie mikri mir-rikorrent u hutu ghall-habta tal-1970 lix-Xewkija Tigers Football Club. Sa l-1982 l-istess rikorrent kien ukoll il-President ta' dan il-Club. Mill-bidu nett f'dan il-Kazin kien jinzamm ukoll "bottegin" ghall-uzu tal-membri. Gara illi mill-1994 is-sidien irrifjutaw li jaccettaw aktar il-kera, ghax bdew jissuspettew illi l-Club ma baqghax jaghmel uzu mill-Kazin u l-post beda jintuza esklussivament bhala "bar".

Mix-xhieda prodotti rrizulta minnu illi d-dirigenti tal-Club, minhabba n-nuqqas ta' spazju fil-fond in kwistjoni, bosta drabi ghamlu uzu minn postijiet ohra ghal diversi attivitajiet taghhom. Infatti gieli ltaqghu fic-Centru Parrokjali tax-Xewkija, kemm ghal-laqghat generali u anke bhala kumitat, meta riedu jilqghu xi persuna barra mir-

rahal. Hekk ukoll il-kamra annessa mat-*training ground* taghhom, fejn jinsabu d-*dressing room* u x-*showers*, gieli ntuzat sabiex isiru *lectures* ghall-players. Inoltre ssemma il-Club tal-Bocci hdejn l-Iskola tax-Xewkija, li ghandu ‘bar’ li l-introjtu tieghu imur ghax-Xewkija Tigers Football Nursury. Mill-bqija pero' l-laqghat normali tal-kumitat baqghu, ghal xi zmien, isiru fil-kamra ta' wara l-Bar.

Madankollu jidher illi dan l-ahhar lanqas dawn il-laqghat ma baqghu isiru fil-fond in kwistjoni. Minn mindu l-kamra annessa mat-training ground  fi Triq Jean de La Vallette, fix-Xewkija, giet zviluppata f'kumpless shih attrezzat b'zewg *dressing rooms*, wahda ghall-uzu tal-*footballers* li jilaghbu fin-nursury u ohra ghall-*footballers* il-kbar, zewgt ikmamar ghall-uzu tal-kumitati rispettivi tan-nursury u tal-*players* il-kbar,*games room*, *wash room*, kmamar ohra fuq u sahansitra zewg appartamenti fejn joqghodu fihom il-*players* barranin, dan kollu kif jammettu l-membri tal-Club li ddeponew f'dan ir-Rikors, anke l-laqghat tal-kumitat qed jinzammu f'dan il-post il-gdid.

Il-membri tal-kumitat tas-socjeta' ntimata jikkontendu illi hafna mill-attivitajiet tal-*club* taghhom ma jsirux fil-fond in kwistjoni minhabba n-nuqqas ta’ spazju. Infatti kulhadd jaqbel illi l-fond mikri huwa zghir, konsistenti biss f’entrata, kamra principali fejn hemm il-Bar, kamra ohra izghar li tintuza bhala store/kcina ghall-bar u fejn kienu jsiru wkoll il-laqghat tal-Kumitat u toilet. Sakemm din il-kamra ta’ wara l-Bar baqghet tintuza ghall-laqghat tal-kumitat, jista' forsi jinghad illi l-fond il-kwistjoni kien ghadu qed jiffunzjona bhala *club*, ghalkemm ir-rikorrent jinsisti illi dan id-dirigenti tal-*club* baqghu jaghmluh semplicement biex jaghtu sembjanza illi dan kien ghadu l-kazin taghhom. Imma ma jistax jinghad l-istess issa li kollox jidher illi gie trasferit ghall-band'ohra.

M'ghandha taghmel ebda differenza ghall-iskop ta' din it-talba, t-tezi tas-socjeta' intimata illi sa llum din ghad m'ghandha ebda titolu fuq il-post ta' fejn il-*ground* u li dan mhux qieghed ghall-uzu esklussiv taghhom u gieli intuza minn entitajiet ohra u anke mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Kif tajjeb josserva r-rikorrent fin-Nota ta' sottomissjonijiet

ulterjuri tieghu, permezz tar-Rikors odjern mhux qed tintalab ir-ripresa ghax l-intimat ghandu akkomodazzjoni alternattiva u ghalhekk m'ghadx ghandu bzonn il-fond in kontestazzjoni. Fil-kaz prezenti r-ripresa qed tintalab, inter alia, ghax is-socjeta' ntimata m'ghadhiex tuza l-fond mikri ghall-iskop miftiehem u dan that l-Artikolu 9(a) tal-Kap. 69. Qatt ma gie nnegat ili l-iskop originali tal-kirja kien li l-post jintuza bhala kazin tal-*football* u nfatti hekk baqa' jintuza ghal hafna snin sakemm bdiet tigi zviluppata l-kamra annessa mat-*training ground* f'kumpless shih attrezzat b'dak kollu li *club* tal-*football* ikun jixtieq ghall-esigenzi moderni mitluba fl-ezercizzju ta' dan li sport illum. B'titolu jew minghajru l-Club jirrizulta li minn xi zmien 'l hawn ittrasferixxa l-attivitajiet kollha tieghu fil-post il-gdid.

Huwa minnu illi d-dirigenti tal-club zammew kontroll shih fuq il-fond in kwistjoni, u minn zmien ghal zmien johorgu l-offerti biex il-Bar tieghu jigi gestit f'isimhom minn terzi, taht il-kundizzjonijiet stipulati. Imma l-fatt innegabbli illi dan il-fond ghadu qed iservi ta' sors ta' dhul ghas-socjeta', ma jiggustifikax il-pretensjoni taghha li tibqa' zzommu ghal daqshekk biss, meta gie ammess mill-istess membri tal-*club* li xehdu, illi prattikament illum il-gurnata m'ghadu jsir ebda uzu iehor mill-fond *de quo* ghajr bhala Bar. Veru li Bar huwa hafna drabi parti ntegrali minn kull kazin, imma fl-assenza ta' kwalukwe attivita' ohra konnessa ma' l-ghanijiet illi ghalihom tkun twaqqfet is-socjeta', fil-kaz taghna li tmexxi *club* tal-*football,* mhux gustifikat illi din tibqa' tinghata l-protezzjoni tal-ligi li tirregola t-tigdid tal-kera.

Ghalhekk, billi r-raguni ghar-ripresa bbazata fuq il-kawzali ta’ uzu differenti minn dak li ghalih kien mikri l-fond *de quo* giet ippruvata, mhux il-kaz li tigi ezaminata wkoll it-tieni raguni msemmija fir-Rikors.

Ghal dawn il-motivi, billi rrizulta sodisfacentement illi l-fond indikat fir-Rikors m’ghadux jintuza ghall-iskop li ghalih kien mikri u li s-socjeta’ intimata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ittrasferiet is-sede taghha ghal band’ohra, c-Chairman jilqa' t-talba tar-rikorrent ghat-

terminazzjoni tal-kirja u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond mikri lis-socjeta' intimata fl-iskadenza li jmiss.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ntimata."

Il-klabb kalcistiku ntimat appella kontra din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. L-aggravju tieghu hu hekk koncepit:-

I. Sostanzjalment, mill-fond lokat baqa' jsir dak l-uzu in konnessjoni ma' l-iskopijiet tan-negozju tal-klabb;

II. Sussidjarjament, kien hemm, f' kull kaz, l-akkwiexxenza ta' sid il-fond;

Kif jirrizulta mill-korp tar-rikors promotur quddiem il-Bord, it-talba tas-sidien ghar-ripreza tal-pussess tal-fond kienet cirkoskritta ghal zewg kawzalijiet, u, cjoe, (i) uzu divers, u (ii) sullokazzjoni/cessjoni bla kunsens. Skond is-sentenza appellata l-Bord issofferma fuq l-ewwel kawzali u sab, fuq il-valutazzjoni tieghu tal-provi, illi l-uzu divers allegat mis-sidien kien tabilhaqq jissussisti. Billi hi kwestjoni ta' fatt jekk sarx att li hu allegat li jimporta tibdil tad-destinazzjoni tal-fond mikri, jokkorri li din il-Qorti tirriezamina l-atti probatorji biex tara jekk, verament, dak sostenut mill-Bord ghandux, jew le, jircievi l-adezjoni taghha. Tali ezercizzju ta' stharrig u apprezzament da parti tal-Qorti ser isir ukoll fl-ispirtu ta' l-insenjament pacifiku dettat u ripetut f' bosta decizjonijiet illi "skop tal-ligi mhux dak li tavvantaggja lis-sid b' mod li dan ikun jista' japprofitta ruhu minn kwalunkwe cirkustanza, anke l-aktar zghira u genwina, biex jippriva lill-inkwilin mid-dgawdija tal-fond lilu mikri." Ara **Kollez. Vol. XXXIII P I p 181; Vol. XXXVI P I p 164; Vol. XXXIX P I p 279** u **Vol. XLVI P I p 180**, fost ohrajn;

Qabel xejn, jigi ri-affermat b' principju ta' dritt illi skond disposizzjoni cara tal-Kodici Civili l-kerrej hu obbigat jinqeda bil-haga lokata lilu ghall-uzu miftiehem fil-kuntratt

[Artikolu 1554 (a)]. Li jfisser li l-kerrej mhux konsentit japporta modifikazzjonijiet fl-uzu tal-fond lokat, ammenokke ma jkollux minn qabel l-awtorizzazzjoni tas-sid ghal tali modifikazzjonijiet, jew ma jkunx jitratta minn kambjament parzjali, komplimentari ghad-destinazzjoni miftehma u kwazi konsegwenzjali taghha. **Kollez. Vol. XLVII P I p 302**. L-inosservanza tal-harsien ta' dan l-obbligu ghal liema hu attribwit l-uzu u l-godiment jissarraf f' inadempjenza. Fuq dan il-punt il-kazistika tal-Qrati taghna hi abbundanti. Din tispira ruhha ghall-kriterji kwazi pacifici billi tafferma illi l-kambjament rilevanti ta' l-uzu pattwit jikkonduci ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt taht il-ligi civili komuni, u ghall-applikazzjoni tas-sanzjoni li ttemm ir-rilokazzjoni a norma tal-ligi specjali (Kapitolu 69);

Kif maghruf, il-kambjament jista' jkun rilevanti anke fejn ma jkunx espressament pattwit xi divjet, basta li l-gravita` tieghu tkun apprezzabbli f' rapport ghas-sitwazzjoni li kienet ezistenti fil-mument tal-kontrattazzjoni tal-kirja. Jekk fil-kaz specifiku in ezami sarx, jew le, it-tibdil hawn imfisser, hi kwistjoni devoluta ghall-apprezzament diskrezzjonali ghaqli tal-Bord fil-meritu, u issa ta' din il-Qorti. Huwa importanti pero` li jigi rigwardat, anke ghaliex hu insenjament li jaghmel hafna sens, illi "f' materja ta' kambjament ta' destinazzjoni tal-fond mikri ghandhom jigu dejjem valjati c-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz; u dan minhabba dik li tissejjah '*a degree of difference*' peress li kollox jiddependi mill-gravita` tal-fatti". (**Kollez. Vol. XLI P I p 14**);

Mill-provi attendibbli ma jidherx li huwa kkontestat illi l-fond *de quo* nkera ghall-iskop li jservi bhala Club tal-Football. Il-ligi specjali ma tiddefinix il-kelma "club" jew "kazin" izda tillimita ruhha biex tghid li l-kelma "kazin" tfisser "kull kazin registrat bhala hekk fl-ufficcju tal-Kummissarju tal-Pulizija skond id-disposizzjonijiet xierqa tal-ligi" (Artikolu 2, Kapitolu 69). B' danakollu hu notorju li l-kelma "<u>club</u>" tiddenota "*a society of persons associated together for the promotion of some common object or objects, such as social intercourse, art, science, literature,*

*politics or sport*” (“**Words and Phrases Legally Defined**”, Supplement 1975, Second Edition, b’ citazzjoni tas-sentenza “**Tehrani -vs- Rostron**” [1971] per Lord Denning). Jissokta jinghad li fil-kaz ta’ “*members’ club*” dan hu kommunement immexxi minn kumitat maghzul u bir-regoli tieghu. Huwa wkoll fatt pacifiku notorju illi oltre l-attivitajiet amministrattivi ordinarji, “*club*” jew “kazin” iservi wkoll biex il-membri u, kif inhu l-kaz hawnhekk, is-*supporters* tat-*team*, jiltaqghu u jirrikrejaw ruhhom. Ara sentenza fl-ismijiet “**Clementina Galea -vs- Giovanni Galea fil-kwalita` tieghu ta Tezorier tal-kazin tal-banda ‘La Stella’**”, Appell, 8 ta’ Jannar 1965 u dik deciza mill-gudikant sedenti fl-ismijiet “**Paul Camilleri *et* -vs- Joseph Glenville *et***”, Qorti Civili, Prim' Awla, 28 ta’ April 2003;

Hu konswetudinarju li *club* jew kazin iservi ikel u bibiti permezz ta’ bar, solitament gestit minn terzi wara sejha ghall-offerti. Hekk jidher in effetti li minn dejjem sar fil-kaz tal-klabb intimat, u dan kif rilevat minn bosta xhieda. Logikament, pero`, gjaladarba kien appattwit li d-destinazzjoni principali u preponderanti tal-fond kienet dik ta’ klabb kien mistenni li fih jigi kondott dik l-attivita` primarja servjenti ghaz-zamma ta’ laqghat tal-kumitat, ko-ordinament mal-*players* u s-*supporters* tieghu, u dak kollu inerenti ghall-uzu ta’ klabb kalcistiku. Jekk fond ma jkomplix jigi adibit ghal dan l-iskop fil-parti sostanzjali tieghu, l-uzu stabbiliti fil-ftehim ma jibqax shih. Ara ghal dak li jiswa f’ dan is-sens, sentenza fl-ismijiet “**Margherita Farrugia -vs- Carmelo Vella *et***”, Appell, 26 ta’ Mejju 1961, li wkoll, incidentalment, si trattava ta’ kirja ta’ fond in parti bhala *club* ghal *team* tal-*football* fix-Xewkija u fejn din il-parti ma baqghetx isservi bhala tali wara li sfratta t-*team* tal-*football* li kien jaghmel uzu minnha. Jitnissel minn dan kollu konsiderat illi hu kriterju direttiv hafna dak li jirrigwarda l-mod kif il-klabb jorganizza ruhu u l-attivitajiet tieghu;

Irrizulta fil-kaz in ezami illi l-fond kellu ambjent zghir ghaz-zamma fih tal-laqghat tal-kumitat tal-klabb intimat. Il-kumplament tieghu kien okkupat mill-bar, li l-gestur tieghu

kien ukoll jaghmel uzu, ghal skop ta' magazzinagg, ta' kaxxi tax-xorb, mill-ambjent utilizzat mill-kumitat. Irrizulta wkoll illi billi l-ambjenti tal-fond kienu limitati u insufficcjenti certi laqghat mal-*players* jew mas-*supporters* kienu jinzammu f' imkejjen ohra, bhac-centru parrokkjali jew fid-*dressing room* sitwata fit-*training ground*. Dawn jidher li kienu laqghat accidentali dettati mill-esigenzi u li, fil-hsieb tal-Qorti, ma jammontawx u ma jwasslux ghal dak il-mutament rilevanti li hu ghab-bazi tal-principju. Dan anke ghaliex, kif irrizulta, il-fond xorta wahda baqa' jintuza ghal certu zmien ghal-laqghat tal-membri tal-kumitat;

Gara pero` li fil-frattemp, u b' insistenza tal-*club de quo* u ta' ghaqdiet sportivi ohra, il-Gvern ipprovda lil *club* facilitajiet aktar spazjuzi u adattati, anke jekk bla titolu, kif evidenzjat ukoll mill-pjanta tal-progett esebita a fol. 212. F' dawn il-facilitajiet godda, li jinkludu ukoll “Committee Rooms”, il-klabb beda jorganizza ahjar l-attivitajiet tieghu, kompriz iz-zamma ta' laqghat. Ara deposizzjoni ta' Marcel Bonnici (fol. 265). In definittiva, il-fond mikri ma baqax jintuza ghall-iskop li ghalih primarjament gie hekk lokat billi jidher bic-car illi ghall-ahjar kumdita` tieghu, il-Klabb ittrasferixxa l-attivita` principali tieghu, precedentement ezercitata mill-fond, ghall-ambjenti l-godda li l-Gvern allokalu. Id-destinazzjoni tal-fond mikri giet ghalhekk ristretta ghall-uzu ta' bar. Dan necessarjament ifisser li dak li kien sekondarju sar primarju u principali, u d-destinazzjoni tal-fond bhala klabb giet trasformata f' wahda sempliciment ta' hanut “ghall-bejgh ta' mbejjed u spirti jew hwejjeg ta' ikel jew ta' xorb” li ssemmi d-definizzjoni tal-ligi fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69. Dan kif irrizulta wkoll lil din il-Qorti mill-analisi taghha tal-provi;

Din il-Qorti tahseb illi r-raguni l-ghala l-ligi tippenalizza lill-inkwilin, li jkun ghamel modifikazzjoni sostanzjali ta' l-uzu tal-haga lokata lilu, hi dik li thares l-interessi tas-sid billi dan mhux biss ghandu dritt li jara li jigi kkonservat il-fond skond id-destinazzjoni li hu kien akkonsenta ghaliha imma wkoll li jara li ma jigix pregudikat lilu l-ekwilibriju guridiku-ekonomiku tal-patt lokatizju. Apparti li, kif dimostrat, l-uzu

stabbilit fil-ftehim ma baqax shih, anke ghal din ir-raguni hi radikata fil-Qorti l-fehma illi l-oggett tad-destinazzjoni fil-fattispeci ma baqax dak prevalenti li kien fil-mument tal-ftehim, u dan jaghti lok ghas-sanzjoni invokata mis-sidien;

Dan premess, gie sussidjarament prospettat id-dubju mill-klabb appellanti illi s-sidien tal-fond akkwiexxew ghat-tibdil li sar;

Issa, kif inhu konkordament stabbilit, u accettat, biex tkun konfigurabbli l-manifestazzjoni tal-volonta`, anke tacita, tal-lokatur, diretta biex tikkonvalida t-tibdil fl-uzu mill-kerrej tieghu, iridu jissussistu elementi konkreti u univoci li manifestament juru li l-volonta` tas-sidien kienet dik li huma jidderogaw mill-patt kontrattwali konvenut riferibilment ghad-destinazzjoni tal-fond. Mhux bizzejjed li dan jigi nferit mill-fatt li s-sidien jabitaw fil-vicinanzi tal-fond lokat jew mis-skiet ta' dawn, kif hekk jissuggerixxi l-klabb appellanti. La s-silenzju u lanqas it-tolleranza ma jistghu jigu elevati ghal xi approvazzjoni tacita;

Huwa bizzejjed maghruf f' dan il-kuntest illi ma tikkostitwixxiex akkwiexxenza produttiva ta' effetti guridici, ix-xjenza u l-pacenzja tal-lokatur. Fi Kliem il-**Fadda** ("**Giurisprudenza Codice Civile**", para. 145 citati b' approvazzjoni fis-sentenzi a **Vol. XLI P I p 29** u "**Luigia *sive* Giga Schembri -vs- Joseph Sultana**", Appell mill-Bord tal-Kera, Ghawdex, 29 ta' Jannar 1999), "*Della scienza e pazienza del locatore di qualche abuso che l' inquilino faceva della cosa locata, non puo` concludersi che quell' abuso sia diventato un diritto ove non consta che il locatore abbia veramente acconsentito ad un modificazione*." Mill-provi minnha valutati f' dan il-kaz din il-Qorti ma tirravviza ebda fatt ta' l-allegata akkwiexxenza. Anzi, jirrizulta li hekk kif is-sidien accertaw ruhhom li seta' sehh tibdil arbitrarju fid-destinazzjoni tal-fond huma waqfu milli jkomplu jaccettaw il-hlas tal-kera. Anke allura dan l-aggravju sussidjarju ma jistax jigi accettat u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, u dawk l-ohra dedotti mil-Bord, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez kontra l-klabb appellanti. Gjaladarba t-terminu originarjament prefiss mill-Bord skada, din il-Qorti thoss li ghall-fini ta’ l-izgumbrament ikun xieraq li tiffissa terminu qasir u mprorogabbli ta’ tliet xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------